MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 673/1999/1

**People Enterprises Limited**

**vs**

**Colour Chart Co. Ltd**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat elef, tliet mija u tnejn u disghin lira maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm4392.52) rapprezentanti l-prezz ta' 'advertising', u dan kif jirrizulta mill-anness

‘statement’ immarkat bhala Dok. ‘A’ kif ukoll mill-anness affidavit immarkat bhala Dok ‘B’;

Illi dan id-dejn illi s-socjeta’ konvenuta ghandha mas-socjeta’ attrici huwa cert, likwidu u dovut;

Illi s-socjeta’ konvenuta minkejja li giet mitluba thallas baqghet inadempjenti;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili sabiex din l-Onorabbli Qorti taqta’ u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh u skond procedura specjali sommarja;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

Taqta’ u tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ erbat elef, tliet mija u tnejn u disghin lira maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm4392.52) raprezentanti l-prezz ta’ ‘advertising’; u

Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta biex thallas lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ erbat elef, tliet mija u tnejn u disghin lira maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm4392.52);

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

Preliminarjament, is-socjeta attrici ghandha tipprova li min halef d-dikjarazzjoni u l-affidavit kien direttur u kellu r-raprezentanza legali tal-istess socjeta' attrici billi, fin-nuqqas, ic-citazzjoni hija nulla u, f'tali kaz, is-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz m'huwiex dovut, stante illi parti mis-somma pretiza hija tavolta dovuta minn Arcidiacono MFG Co. Limited, u ghaldaqstant, ikun opportun li tigi kjamata in kawza l-istess socjeta Arcidiacono MFG Co. Limited;

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz m'huwiex dovut ukoll billi s-socjeta attrici qed tippretendi hlas ghar-reklami li hi ppubblikat fil-gazzetta "The People" nonostante struzzjonijiet espressi da parti tas-socjeta konvenuta sabiex dawn ma jigux ppubblikati, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju tas-suespost, l-ammont pretiz m'huwiex dovut ukoll billi s-socjeta attrici qed tippretendi hlas ghar-riklami illi gew ppubblikati minnha fil-gazzetta "The People" u li kien fihom informazzjoni zbaljata, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

F'kull kaz is-socjeta konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2002 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjeta' konvenuta hi debitur tagha fis-somma ta' erbat elef, tliet mija u tnejn u disghin lira maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm4392.52) prezz ta' 'advertising.' Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi preliminarjament li ghandi jigi pruvat li min halef d-dikjarazzjoni u l-affidavit kien debitament awtorizzat biex jghamel hekk. Fit-tieni lok teccepxxi li l-ammont pretiz m'huwiex dovut, peress li parti minnu hu dovut minn terzi cioe' Arcidiacono MFG Co. Limited, li ghandhom jigu kjamati in kawza. Fit-tielet lok l-ammont pretiz mhux dovut billi kienu nghataw struzzjonijiet espressi sabiex dawn ir-reklami ma jigux ppubblikati. Fir-raba' lok l-ammont pretiz m'huwiex dovut ukoll billi s-socjeta attrici qed tippretendi hlas ghar-riklami li kien fihom informazzjoni zbaljata;

Is-socjeta konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni u ghalhekk mhux ser tinghata konsiderazzjoni ulterjuri lill-istess l-ewwel eccezzjoni;

Bil-presenti qed tigi deciza biss it-tieni eccezzjoni. F'din l-eccezzjoni s-socjeta konvenuta qed tissottometti li parti mill-ammont reklamat hu dovur minn terzi cioe' mis-socjeta Arcidiacono MFG Co. Limited, li ghandha tigi kjamata in kawza;

Il-managing director tas-socjeta' konvenuta jghid li s-socjeta attrici, tramite certu Ray Barbuto, kienet talbitu jekk is-socjeta konvenuta riditx tirrappresenta lis-socjeta

Arcidiacono Manufacturing Company Limited ghar-rigward ta’ advertising li kellu jidher fil-gazzetta tas-socjeta attrici “The People”. Sussegwentement saret laqgha li fiha l-imsemmija socjeta’ Arcidiacono Manufacturing Company Limited u The People ftehemu li jsiru l-imsemmija reklami fl-imsemmija gazzetta u min-naha taghhom Arcidiacono kellhom jatu xi mobbli. Is-socjeta konvenuta accettat li tirrappresenta lill-imsemmija socjeta Arcidiacono stante li skond l-istess ftehim l-istess socjeta konvenuta kella tiehu kummissjoni;

L-istess xhud ikkonferma li s-socjeta attrici kienet tibghat lis-socjeta konvenuta il-kontijiet ghar-rigward ta’ dawn ir-reklami u s-socjeta konvenuta, da parti taghha, kienet tibghat il-kont taghha relattiv lill-stess Arcidiacono. Dawn pero’ qatt ma hallsu peress li huma kienu jsostnu li kien hemm ftehim direttament mas-socjeta attrici. L-imsemmija kontijiet tas-socjeta konvenuta kienu jinkludu l-kummissjoni dovuta lill-istess socjeta konvenuta u kienu jinkludu ukoll ix-xoghol tas-socjeta konvenuta sabiex gew ikkreati l-istess reklami. Ix-xhud jghid li qatt ma lmenta bil-miktub mas-socjeta attrici dwar dawn ir-reklami;

Din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ma tistax tigi akkolta u konsegwentement lanqas it-talba ghal kjamata fil-kawza ma ghandha tigi akkolta. Is-socjeta konvenuta naqset li tipproduci provi oggettivi dwar il-ftehim allegat mix-xhud prodott minnha. Ma giet esibita ebda kopja tal-allegat ftehim, li skond l-istess xhud sar bil-miktub. Ma gewx prodotti, bhala xhieda, dawk li allegatament iffirmaw l-allegat ftehim;

Fi kwalunkwe kaz jidher li s-socjeta konvenuta kienet attivament involuta fir-reklami in kwestjoni u ghalhekk ghandha tassumi r-resposabilita taghha skond dak li eventwalment jirrizulta f’dawn il-proceduri. Mhux necessarju ghalhekk li jigu kjamati fil-kawza t-terzi indikati mis-socjeta konvenuta. Jirrizulta ukoll li s-socjeta konvenuta ordnat diversi reklami ohra li deheru gil-

gazzetta in kwestjoni u dana ghan-nom ta' varji klijenti ohra;

In vista tal-premess it-tieni eccezzjoni ghandha tigi rigettata kif ghanda tigi rigettata ukoll it-talba ghal kjamata fil-kawza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni inkluz it-talba ghal kjamata fil-kawza u tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni ghas-seduta tal-

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------